Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10049 — Partners Group/Atlantia/Telepass)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 29/05)

1. Fit-18 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Partners Group AG (flimkien mal-affiljati tiegħu, "Partners Group", l-Isvizzera),

— Atlantia SpA ("Atlantia", Italy),

— Telepass SpA ("Telepass", l-Italja), bħalissa kkontrollata esklużivament minn Atlantia (Italy)

Partners Group u Atlantia jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Telepass.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Partners Group: kumpanija globali tal-ġestjoni tal-investiment privat attiva fl-oqsma tal-ekwità privata, il-proprjetà privata, l-infrastruttura privata u d-dejn privat;

— Atlantia: kumpanija azzjonarja attiva prinċipalment fis-setturi tal-awtostrada bi ħlas u tal-infrastruttura tal-ajruport fl-Italja, fi Spanja, fi Franza u, sa ċertu punt, fil-Polonja;

— Telepass: attiva prinċipalment fil-forniment ta' servizzi elettroniċi ta' pedaġġi fl-Ewropa u, b'mod partikolari, fl-Italja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10049 — Partners Group/Atlantia/Telepass

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.